ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

Stqarrija għall-Istampa

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/02

# L-ECHA tniedi l-Inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar ta' sustanzi kimiċi fis-suq tal-UE

## Aktar minn tliet miljun rekord ta' preżentazzjoni li jkopru aktar minn 90,000 sustanza kimika huma issa aċċessibbli mingħajr ħlas mill-websajt tal-ECHA

**Ħelsinki, it-13 ta' Frar 2012** – Illum, l-ECHA introduċiet l-Inventarju Pubbliku tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar (C&L) bl-informazzjoni mir-reġistrazzjonijiet REACH u min-notifiki CLP riċevuti s'issa mill-Aġenzija.

Il-pubblikazzjoni tal-Inventarju hija punt kardinali stabbilit fir-Regolament CLP u tirrappreżenta pass sinifikanti 'il quddiem lejn it-trasparenza fir-rigward tal-perikli fiżiċi, għas-saħħa jew ambjentali ta' sustanzi kimiċi. L-Inventarju jipprovdi ħafna informazzjoni mill-Industrija dwar kif dawn ikklassifikaw is-sustanzi kimiċi b'mod awtonomu u juri kif xi kumpaniji kklassifikaw l-istess sustanza b'mod differenti. L-ECHA ma ffiltratx u ma kkontrollatx il-kwalità tal-informazzjoni pprovduta.

"*B'din iż-żieda fit-trasparenza, qegħdin nikkontribwixxu lejn komunikazzjoni aktar effettiva fejn jidħlu sustanzi kimiċi perikolużi għal ħaddiema u fl-aħħar mill-aħħar għal konsumaturi*" qal Geert Dancet, Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. Hu inkoraġġixxa wkoll lill-Industrija biex din tuża d-dejta tal-Inventarju bħala bażi komuni għal diskussjonijiet bejn kumpaniji biex dawn jilħqu ftehim dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar awtonomu ta' sustanzi perikolużi. Biex tagħti sostenn għall-proċess tal-komunikazzjoni tal-periklu, l-ECHA qiegħda tippjana li tiżviluppa pjattaforma tal-IT biex tiffaċilita kuntatti bejn notifikaturi ta' sustanzi kimiċi biex tagħtihom l-opportunità li jiddiskutu raġunijiet għal differenzi u, meta xieraq, jaqblu dwar klassifika uniformi.

L-Inventarju Pubbliku C&L jirrappreżenta l-akbar dejtabejż ta' sustanzi kklassifikati b'mod awtonomu disponibbli fid-dinja. Hemm disponibbli għadd ta' għażliet biex wieħed ifittex fl-Inventarju, kemm fuq il-bażi tal-identità tas-sustanza kif ukoll il-klassifikazzjoni tagħha. Aġġornamenti tal-Inventarju fil-ġejjieni ser itejjbu kontinwament il-funzjonijiet ta' tfittxija sabiex jitjieb l-aċċess għall-informazzjoni.

L-Inventarju jinżamm mill-Aġenzija u d-dejta tkun aġġornata fuq bażi regolari b'informazzjoni C&L ġdida u aġġornata.

## Aktar Informazzjoni:

**L-Inventarju Pubbliku C&L**
http://echa.europa.eu/web/guest/information-on-chemicals/cl-inventory-database

**Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar l-Inventarju C&L**
http://echa.europa.eu/support/faqs/q-a-on-the-public-cl-inventory

**Skeda Informattiva dwar l-Inventarju C&L**
**http://echa.europa.eu/documents/10162/17242/factsheet_public_classification_labeling_en.pdf**